# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 26 ta' Jannar 2023**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 460/2010JVC**

**Maria Rosa mart Salvino Micallef, detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 877445(M), Rita, mart Carmelo sive Charles Sapiano, detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 110361(M), Pauline, mart Joseph Magro, detentrici tal-karta ta' l-identita` 117248(M), Josephine, mart Joseph Mallia, detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 971746(M), u Francesco Saverio Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 149350(M)**

**vs**

**Mario Camilleri detentur tal-karta ta' l-identita` numru 613954(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Maria Rosa mart Salvino Micallef et ikkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. 'Illi, George u Domenica konjugi Camilleri, missier u omm l-atturi Rita mart Carmelo sive Charles Sapiano, Pauline mart Joseph Magro, Josephine mart Joseph Mallia, Maria Rosa mart Salvino Micallef u Francesco Saverio Camilleri u l-konvenut Mario Camilleri, mietu nhar 22 ta' Mejju 2001 u nhar is-27 ta' Mejju 2007 (Vide Dok. "A" u "B") rispettivament, u s-successjoni taghhom hija regolata bit-testment *unica charta* tas-16 ta' Novembru 1992, kif ukoll bit-testment l-iehor *unica charta* taghhom tal-14 ta' Dicembru 1998 li kopja taghhom qed tigi hawn esibita u markata dokument ittra "C" u "D";

2. Illi, l-atturi ma jridux illi jibqghu jipposjedu l-beni tal-wirt f'ishma indivizi, u jridu li jsir qsim ta' l-eredita' skont il-provvedimenti ta' l-imsemmija testmenti;

3. Illi, l-konvenut gie interpellat b'ittra ufficjali datata 21 ta' Ottubru 2008 (Dok. "E") sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u qsim tal-wirt ta' George u Domenica Camilleri, u ghall-immmissjoni fil-pussess tal-proprjetajiet kollha skont l-imsemmija testmenti tal-genituri tal-partijiet izda dana baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawża;

Ghaldaqstant, wara li jsiru id-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-atturi li qeghdin hawn jitolbu li din il-Qorti joghgobha:

l. Tordna li ssir l-immisjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija favur Pauline mart Joseph Magro, fil-hames Artikolu tat-Testment datat 16 ta' Novembru 1992; favur Josephine mart Joseph Mallia, fis-sitt Artikolu tat-Testment datat 16 ta' Novembru 1992 u fit-tielet Artikolu tat-Testment datat 14 ta' Dicembru 1998; favur Francesco Saverio Camilleri, fit-tmien Artikolu tat-Testment datat 16 ta' Novembru 1992; favur Rita mart Carmelo sive Charles Sapiano, fid-disa' Artikolu tat-Testment datat 16 ta' Novembru 1992; u favur Mario Camilleri, l-ghaxar Artikolu tat-testment datat 16 ta' Novembru 1992 hekk kif emendat bl-Artikolu 2 tat-testment datat 14 ta' Dicembru 1998;

2. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet teżisti bejn George u Domenica konjugi Camilleri billi tiddikjara li tikkonsisti f'dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Taqsam l-assi ereditarju ta' l-imsemmijin George u Domenica konjugi Camilleri, salv il-legati mhollija lil ahwa Camilleri;

4. Tillikwida l-assi ereditarju ta' l-istess George Camilleri billi tiddikjara li jikkonsisti f'sehemu mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Tillikwida l-assi ereditarju ta' Domenica Camilleri billi tiddikjara li jikkonsisti f'sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti

kif ukoll f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Taqsam dak li jkun fadal mill-assi ereditarji ta' George u Domenica konjugi Camilleri f'sitt ishma indaqs, u tassenja sehem lil kull wiehed mill-atturi Pauline mart Joseph Magro, Josephine mart Joseph Mallia, Maria Rosa mart Salvino Micallef, Francesco Saverio Camilleri, Rita mart Carmelo sive Charles Sapiano, u lill-konvenut Mario Camilleri;

7. Tahtar Perit Gudizzjarju sabiex jaghmel l-istimi u pjan ta' qasma, u Nutar sabiex jircievi u jippubblika l-Att opportun ta' divizjoni u immissjoni fil-pussess u Kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Ottubru 2008 kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Mario Camilleri li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-eccipjenti qatt ma oggezzjona ghall-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija mit-testaturi u s-sussegwenti likwidazzjoni u qsim tal-ereditajiet tal-mejtin George u Domenica konjugi Camilleri salv dejjem li jigu rrispettati d-dispożizjonijiet tat-testmenti tat-testaturi u tal-ligi;

2. Illi ghalhekk, il-prelegat imholli lir-rikorrenti Rita mart Carmelo sive Charles Sapiano fid-disa' Artikolu tat-testment datat 16 ta' Novembru 1992 in atti tan-Nutar Joseph Felix Abela ghandu, skont il-ligi, jikkomprendi biss dak li hu tat-testaturi u allura, kontra ta' dak li qed isostnu l-atturi, ghandhom ikunu esklużi

partijiet li ma jappartjenux lit-testaturi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Illi mhuwiex minnu li l-eccipjenti kien inadempjenti biex jersaq ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati u likwidazzjoni u qsim tal-assi tal-genituri tal-kontendenti u dan kif muri fl-ittra ufficjali (Dok MCA) minnu ppreżentata kontra r-rikorrenti u d-diversi laqghat li huwa attenda biex tinstab soluzzjoni bonarja iżda anzi kienu l-istess rikorrenti li ma riedux jaslu. Ghaldaqstant huwa m'ghandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proceduri.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Bl-ispejjeż.′

Rat l-affidavits, xiehda, certifikati tal-mewt, testmenti, ittra ufficjali, dikjarazzjonijiet *causa mortis*, arblu geneologiku, ritratti, emails, statements bankarji, kuntratti, ittri, kawzjoni, rapporti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-21 ta′ Gunju, 2010 a fol. 62 il-Qorti kif diversament preseduta nnominat lil Dr Mark Chetcuti bhala perit legali biex jisma′ l-provi u jirrelata u rat li fil-verbal tat-2 ta′ Novembru, 2010 Dr Mark Chetcuti gie sostitwit billi gie elevat ghall-Gudikatura b′Dr Massimo Vella;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar id-29 ta′ Awwissu, 2013 a fol. 93 tal-process fejn talbu sabiex il-Qorti tinnomina Perit Arkitett bhala Perit Tekniku sabiex jassisti lill-Perit Legali Dr Massimo Vella fl-espletazzjoni tal-inkarigu moghti lill-istess Perit Legali, rat ir-risposta tal-intimat Mario Camilleri ntavolata nhar is-16 ta′ Settembru, 2013 a fol. 95 fejn irrileva li jidhirlu li jkun ghaqli li l-

inkarigu tal-perit tekniku jkun biex jindividwa l-fond 9, Triq ic-Caghki, Rabat, Malta u kif ukoll il-fond adjacenti numru 10, Triq ic-Caghki, Rabat, Malta li huwa wkoll mertu ta' din il-kawza u dan kemm fil-konfigurazzjoni taghhom ta' meta gew akkwistati mit-testaturi u kif ukoll fil-konfigurazzjoni taghhom ta' kif ghandhom jinqasmu bit-testmenti rispettivi u rat id-digriet tal-Qorti moghti nhar it-23 ta' Settembru, 2013 fejn il-Qorti laqghet it-talba limitatament ghal dak imsemmi fil-paragrafu 5 tar-risposta u ghal dan il-fini nnominat lill-Perit Mario Cassar;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dottor Massimo Vella pprezentata fl-atti nhar is-27 ta' Settembru, 2021 u mahluf nhar l-20 ta' Jannar, 2022 a fol. 760 et seq tal-process;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar esebit fl-atti nhar is-27 ta' Settembru, 2021 u mahluf nhar it-13 ta' Jannar, 2022 a fol. 831 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' April, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor huma kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti Maria Rosa Micallef, Rita Sapiano, Pauline Magro, Josephine Mallia, Francesco Saverio Camilleri u l-intimat Mario Camilleri huma lkoll ahwa wlied il-mejtin George u Domenica konjugi Camilleri.

2. Illi George Camilleri gie nieqes nhar it-22 ta' Mejju, 2001 (ara certifikat tal-mewt a fol. 6 tal-process), filwaqt li Domenica Camilleri nee' Galea giet nieqsa fis-27 ta' Mejju, 2007 (ara certifikat tal-mewt a fol. 7 tal-process).

   L-imsemmija George u martu Domenica konjugi Camilleri rregolaw il-wirt u successjoni taghhom b'zewg testmenti *unica charta* bl-ewwel wiehed datat 16 ta' Novembru, 1992 fl-atti tan-Nutar Joseph Felix Abela (ara testment a fol. 8 et seq tal-process). It-tieni testment taghhom sar fl-14 ta' Dicembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' (ara testment a fol. 15 et seq tal-process).

   Permezz tal-imsemmija testmenti George u martu Domenica Camilleri ddisponew mill-proprjetajiet kollha mmobbli b'titolu ta' prelegat favur uhud minn uliedhom, filwaqt li fil-kumplament innominaw u istitwew bhala eredi universali taghhom lil uliedhom kollha fi kwoti ugwali bejniethom. Il-prelegati tal-immobbli mhollija permezz tal-imsemmija testmenti huma kif isegwi:

   i. lil Pauline mart Joseph Magri – id-dar bin-numru 45 fi Triq il-Kullegg, Rabat, Malta.

   ii. lil Josephine mart Joseph Mallia – it-terran bla numru izda bl-isem 'Iros' fi Triq Chaki, Rabat, Malta; kif ukoll;

il-garaxx bla numru fi Triq Chaki, Rabat, Malta liema garaxx imiss mat-terran imholli bi prelegat lill-istess Josephine Mallia.

iii. lil Francesco Saverio Camilleri – il-mezzanin bla numru izda bl-isem 'Psych' fi Triq Chaki, Rabat, Malta li huwa sovrappost ghat-terran imholli bi prelegat lil Josephine Mallia ndikat fil-paragrafu precedenti.

iv. lil Rita mart Carmelo sive Charles Sapiano – id-dar bin-numru 9 fi Triq Chaki, Rabat, Malta minghajr ir-remissa llum konvertita f'kamra li ghandha bieb fuq Triq Chaki, numru 10. Ir-remissa ghandha tigi segregata mill-imsemmija dar.

v. lil Mario Camilleri – il-kamra qabel remissa bin-numru 10 fi Triq Chaki, Rabat, Malta liema remissa ghandha tigi segregata mid-dar li minnha taghmel parti mhollija bi prelegat lil Rita Sapiano ndikata fil-paragrafu precedenti.

It-testaturi hallew ukoll prelegat ta' mobbli konsistenti f'senter tal-kacca lil Maria Rosa sive Rosie Micallef.

3. Illi l-kontestazzjoni da parti tal-intimat Mario Camilleri hija li mhux jaqbel mal-konsistenza tal-prelegat imholli lir-rikorrenti Rita Sapiano. Isostni li l-porzjon triangolari ta' art li tidher fir-ritratti a fol. 739 et seq tal-process li tmiss mal-proprjeta' mhollija lilha bi prelegat ma tiffurmax parti mill-proprjeta' tal-genituri *ergo* ma tiffurmax parti mill-prelegat imholli lilha. L-intimat ghalhekk jghid li huwa lest li jaghmel

l-immissjoni fil-pussess salv li dik il-porzjoni ma tigix inkluza fil-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess.

4. Ir-rikorrenti jsostnu li stante li ma setghetx tinstab soluzzjoni istitwew din il-kawza nhar is-6 ta' Mejju, 2010 fejn talbu li l-Qorti tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija favur Pauline Magro, Josephine Mallia, Francesco Saverio Camilleri, Rita Sapiano, u, Mario Camilleri. Talbu wkoll li l-Qorti tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn George u Domenica konjugi Camilleri u taqsam l-assi ereditarji tal-imsemmija konjugi Camilleri salv il-legati mhollija lill-ahwa Camilleri. Talbu wkoll li l-Qorti tillikwida l-assi ereditarji tal-istess George Camilleri billi tiddikjara li jikkonsistu f'sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u l-istess talbu fir-rigward l-assi ereditarji ta' ommhom Domenica Camilleri. Ir-rikorrenti talbu ulterjorment li l-Qorti taqsam dak li jkun fadal mill-assi ereditarji tal-konjugi Camilleri f'sitt (6) porzjonijiet indaqs u tassenjhom lil kull wiehed u wahda mill-partijiet f'din il-kawza. Finalment talbu li l-Qorti tahtar Perit Gudizzjarju sabiex jaghmel l-istimi u pjan ta' qasma u Nutar sabiex jircievi u jippubblika l-att opportun ta' divizjoni u immissjoni fil-pussess u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

**<u>Assi in divizjoni:</u>**

Illi gja suespost George u Domenica konjugi Camilleri ddisponew mill-proprjeta' mmobbli kollha taghhom permezz ta'prelegati fiz-zewg testmenti *unica charta* tas-16 ta' Novembru, 1992 fl-atti tan-Nutar Joseph Felix Abela u tal-14 ta' Dicembru, 1998 fl-atti tan - Nutar Marco Burlo' (fol. 8 et seq). Ghalhekk jirrizulta

essenzjalment li m'hemmx proprjeta' mmobbli x'tigi diviza ghalkemm fi kwalunkwe kaz il-Qorti ser tindika flimkien mal-assi l-ohra x'kienu l-immobbli ezistenti fil-massa ereditarja tal-konjugi Camilleri.

<u>Proprjeta' mmobbli:</u>

i. id-dar bin-numru 45 fi Triq il-Kullegg, Rabat, Malta.

ii. it-terran bla numru izda bl-isem 'Eros' fi Triq Chaki, Rabat, Malta.

iii. il-garaxx bla numru fi Triq Chaki, Rabat, Malta liema garaxx imiss mat-terran 'Eros'.

iv. il-mezzanin bla numru izda bl-isem 'Psych' fi Triq Chaki, Rabat, Malta li huwa sovrappost ghat-terran bl-isem ta' 'Eros'.

v. id-dar bin-numru 9 fi Triq Chaki, Rabat, Malta minghajr ir-remissa llum konvertita f'kamra li ghandha bieb fuq Triq Chaki, numru 10.

vi. il-kamra qabel remissa bin-numru 10 fi Triq Chaki, Rabat, Malta.

Jirrizulta ghalhekk li kull m'hemm ghad-divizjoni huma xi flus u oggetti mobbli konsistenti fis-segwenti:

Flus:

1. Kont bankarju mal-Bank of Valletta plc bin-numru: 40011268943 li sas-sena 2015 kellu bilanc ta' €4,593.96 (fol. 386 et seq).

2. Kont bankarju mal-Bank of Valletta plc bin-numru: 40010665767 li sas-sena 2015 kellu bilanc ta' €6,437.07 (fol. 402 et seq).

3. Kont bankarju mal-Bank of Valletta plc bin-numru: 40021273643 li sas-sena 2015 kellu bilanc ta' €68,105.70.

   Dan il-kont jinkludi fih l-investimenti ta' Calamatta & Cuschieri li gew ilkoll trasferiti f'dan il-kont (ara rendikont minn fejn gew il-flus ipprezentat minn Joseph Caruana rapprezentant Bank of Valletta plc a fol. 378 et seq tal-process u deposizzjoni tal-istess a 357 tal-process).

4. Kont bankarju f'isem Rita Sapiano mal-Bank of Valletta plc bin-numru: 40016005800 li sas-sena 2014 kellu bilanc ta' €411.45.

   Jigi rilevat li hemm qbil bejn il-partijiet kollha li ghalkemm dan il-kont huwa fuq isem Rita Sapiano l-flus kontenenti fih huma parti mill-massa ereditarja. L-ammont originali f'dan il-kont kien ghola pero' jirrizulta li minnu thallsu xi kontijiet (ara deposizzjoni ta' Rita Sapiano, ricevuti ta' hlas ta' kontijiet u statements tal-kont tal-bank a fol. 357 et seq tal-process).

5. Flus kontanti mizmuma minn Rita Sapiano fl-ammont ta' €531.10 (ara x-xhieda ta' Rita Sapiano a fol. 357 tal-process).

Illi r-rikorrenti permezz ta' nota ntavolata nhar l-10 ta' Gunju, 2010 a fol. 36 et seq tal-process esebew nota dwar il-konsistenza ta' l-assi ereditarji. Fl-imsemmija lista gie ndikat li bhala parti mill-assi ereditarji hemm kont bankarju mal-HSBC Bank Malta plc li ghandu fih l-ammont ta' €981.66, madanakollu fl-atti ma tresqitx prova dwar dan il-kont bankarju. Billi l-Qorti ma tistax toqghod fuq semplici dikjarazzjoni ser tghaddi sabiex tiddikjara li dwar dan il-kont ma tressqux bizzejjed provi.

<u>Oggetti mobbli:</u>

Illi flimkien man-nota msemmija fil-paragrafu precedenti, r-rikorrenti esebew ukoll inventarju tal-oggetti mobbli kollha konsistenti f'ghamara misjuba fil-fond bin-numru 9/10 fi Triq Tac-Caghki, Rabat liema inventarju jinsab fl-atti a fol. 42 et seq tal-process.

Illi fl-atti jirrizulta li bi qbil bejn il-partijiet kollha kien tqabbad persuna minn Heritage Antiques biex jaghmel stima tal-oggetti kollha mobbli u bi qbil bejn il-partijiet kollha dawn l-oggetti konsistenti fl-ghamara kienu gew maqsuma fi tlett (3) lottijiet b'sitt (6) batches kull lot bil-valur pressopoco kollha vicin xulxin. Jirrizulta pero' li dawn l-oggetti qatt ma gew imtella bix-xorti bil-konsegwenza li baqghu fi stat indiviz dawn is-snin kollha.

Il-Qorti m'hijiex ser toqghod tindika l-ghamara wahda wahda pero' meta ser tigi ghad-divizjoni ser taghmel referenza ghal dawn il-lottijiet maqsuma f'batches li jinsabu a fol. 195 et seq tal-process.

<u>**It-tieni eccezzjoni tal-intimat Mario Camilleri – ghandhom jigu eskluzi partijiet li mhumiex tat-testaturi mill-prelegat ta' Rita Sapiano:**</u>

Illi l-kwistjoni principlai in kontestazzjoni bejn il-partijiet hija riprodotta fit-tieni eccezzjoni tal-intimat Mario Camilleri fejn isostni li l-prelegat imholli lir-rikorrenti Rita mart Carmelo sive Charles Sapiano fid-disa' (9) Artikolu tat-testment datat 16 ta' Novembru, 1992 atti Nutar Joseph Felix Abela ghandu skont il-ligi jikkomprendi biss dak li hu tat-testaturi u allura kontra dak li jsostnu r-rikorrenti ghandhom ikunu eskluzi partijiet li ma jappartjenux lit-testaturi.

L-intimat f'din l-eccezzjoni qieghed jaghmel referenza ghal feles art triangolari li tigi adjacenti in parte mal-proprjeta' tar-rikorrenti Rita Sapiano u in parti mal-proprjeta' tal-istess intimat Mario Camilleri mhollija lilhom mill-genituri George u Domenica konjugi Camilleri b'titolu ta' prelegat fit-testmenti tas-16 ta' Novembru, 1992 atti Nutar Joseph Felix Abela u tal-14 ta' Dicembru, 1998 atti Nutar Marco Burlo'. Il-Qorti qieghda tirriproduci ritratt tal-parti mertu tal-kwistjoni odjerna ghal ahjar intendiment fejn apparti l-feles art mertu tal-kwistjoni jidhru wkoll t-twieqi li jaghtu mill-fond tar-rikorrenti Rita Sapiano.



Illi permezz ta' digriet tal-Qorti diversament preseduta tat-2 ta' Novembru, 2010 il-Qorti nnominat lil Dr Massimo Vella bhala perit legali biex jisma' l-provi u jirrelata. Sussegwentement wara rikors tar-rikorrenti, permezz ta' digriet tat-23 ta' Settembru, 2013 l-istess Qorti laqghet it-talba sabiex jigi nominat Perit Tekniku biex jindividwa l-fond 9, Triq ic-Caghki, Rabat, Malta u kif ukoll il-fond adjacenti numru 10, Triq ic-Caghki, Rabat, Malta li huwa wkoll mertu ta' din il-kawza u dan kemm fil-konfigurazzjoni taghhom ta' meta gew akkwistati mit-testaturi u kif ukoll fil-konfigurazzjoni taghhom ta' kif ghandhom jinqasmu bit-testmenti rispettivi. Il-Qorti kif diversament preseduta ghal dan il-fini nnominat lil Perit Mario Cassar.

Illi l-Perit Legali Dottor Massimo Vella pprezenta r-rapport tieghu nhar is-27 ta' Settembru, 2021 u halef l-istess nhar l-20 ta' Jannar, 2022 a fol. 760 et seq tal-process. Dwar il-kwistjoni relatata mal-prelegat ta' Rita Sapiano li hija l-kwistjoni l-aktar imqanqla bejn il-partijiet l-Perit Legali Dottor Massimo Vella irrelata kif isegwi:

'5. L-**unika kontestazzjoni** li qed titqajjem mill-konvenut tirrigwarda l-portata tal-prelegat imholli a favur l-attrici Rita Sapiano bis-sahha tad-Disa' Artikolu tat-testment tas-16 ta' Novembru 1992, ossia "*d-dar ir-Rabat, Malta, Chaki Street, numru disgha (9) fejn illum jabitaw l-istess testaturi izda minghajr ir-remissa illum konvertita f'kamra li ghandha bieb fuq Chaki Street, numru ghaxra (10). Din ir-remissa jew kamra ghandha tigi segregata mill-imsemmija dar u tissemma aktar il-quddiem. L-ghamara u l-oggetti l-ohra kollha li jkun hemm meta jigi nieqes l-ahhar wiehed mit-testaturi bla eccezzjoni ma ghandhomx jaghmlu parti mill-prelegat li qed hawn jigi mholli lil din binthom Rita.*"

…

9. L-abbli perit tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet teknici fir-Relazzjoni Teknika tieghu:

    1) *Illi l-esponent ikkostata illi skont il-pjanta tal-1900, l-erbgha kmamar illi jidhru fil-pjanta tal-Perit Musumeci (u tal-Perit Fenech) a fol-60 fil-process kienu jiffurmaw parti minn blokka mibnija li kellha konfigurazzjoni rettangolari bil-kantunieri kollha kemm huma kartabun (right angle).*

    2) *Illi Bejn l-1900 u l-1968 (id-data tas-survey sheets l-antiki), meta kienet ghadha ma gietx iffurmata Triq Emanuel Stivala, ghal xi raguni il-hajt tal-kmamar li jhares fuq in-nofs in-nhar twaqqa' u gie mibni mxattar, bir-rizultat illi fformat porzjon ta' art f'forma trijangulari, illi dwarha hija msejjsa din il-kawza. Jista' jaghti l-kaz illi l-blokka kollha twaqqet u regghet inbniet.*

    3) *Jirrizulta ghalhekk illi parti minn din il-porzjon ta' art ta' konfigurazzjoni trijangulari, fil-passat kienet taghmel parti mill-kmamar indikati fil-pjanta ta' divizjoni Dok 1209.*

    4) *Ghalhekk l-esponent ikkonkluda illi arja rimanenti ta' cirka 12 il-metru kwadru ta' konfigurazzjoni trijangulari li thares fuq Triq Emanuel Stivala, iffurmat mill-allinjament tat-Triq Emanuel Stivala. Dan minhabba illi originarjamet il-kmamar kienu ta' xehta rettangolari u mhux bix-xtur.*

10. L-esponenti, wara li haseb fit-tul dwar din il-kwistjoni, huwa tal-fehma li sabiex tigi rizolta l-vertenza jridu jittiehdu in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:

a. Ir-rikostruzzjoni tal-fond bil-mod deskritt mill-Perit Tekniku sehhet bejn l-1900 u l-1968 u dan jirrizulta mis-*survey sheets* antiki;

b. Permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Novembru, 1976, fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela, Domenica Camilleri akkwistat *"parti diviza mill-post ir-Rabat, Malta Cjaki Lane, numru ghaxra u hdax ga numri disgha u ghaxra, **konsistenti f'remissa u tlett ikmamar wara l-istess remissa** li tidhol ghalihom minn wahda ghall-ohra u li qeghdin wara xulxin u bl-arja tal-istess kumditajiet u bid-drittijiet u gustijiet relattivi kollha…"* Ghalhekk, Domenica Camilleri xtrat il-fond mertu tal-prelegat **wara** li kienet sehhet ir-rikostruzzjoni.

c. Fl-imsemmija kuntratt ma ssir l-ebda referenza ghall-feles art in kwistjoni u fil-fehma tal-esponenti il-frazi *"…kumditajiet u bid-drittijiet u gustijiet relattivi kollha …"* m'hijiex sufficjenti sabiex issawwar il-konvinciment morali mehtieg sabiex wiehed jikkonkludi li l-feles art kien inkluz f'dak li xtrat Domenica Camilleri, dan anki tenut kont tal-fatt li qed nitkellmu dwar ambjent li jinsab fuq barra tal-binja u li m'hu maghluq bl-ebda hitan jew gheluq iehor.

Kif gie deciz minn din l-Onorabbli Qorti f'Socjeta Filarmonika Siggiewi Festival Band and Social Club v. Emanuel Bonello,[1] *"Illi dwar il-kuncett ta' drittijiet u pertinenzi, l-awturi jiktbu: "Il diritto s'intende alienato assieme agli accessori. .. .. Possono distinguersi diritti e beni accessori. Diritti accessori sono quelle posizioni giuridiche che sussistono esclusivamente in funzione di una situazione principale. Beni*

[1] PA 516/2014/JRM dec. 11/1/2017.

*accessori sono quelli che ineriscono strutturalmente o funzionalmente ad un bene principale. Tra I beni accessori si distinguono in particolare, le pertinenze, cioe' quelle cose che sono destinate in modo durevole a servizio o ad ornamento della cosa principale (art. 817 cod.civ.)"*

Bl-istess mod f'Dottor Adrian Delia noe v. Salvatore Xuereb et,[2] gie ritenut minn din l-Onorabbli li uzu tal-frazi "bid-drittijiet u l-pertinenti" ghandu l-iskop *"…li jevita li jigu espressament dettaljati s-singoli drittijiet (ad ezempju, dritt ta' servitu) jew kull element pertinenzjali destinat b'mod durevoli ghas-servizz esklussiv tal-fond principali mixtri (ad ezempju l-btiehi u l-gonna tieghu). Hekk is-sentenza fl-ismijiet "Francesco Schembri -vs- Emmanuele Cassar", Prim'Awla tal-Qorti Civili, 10 ta' Ottubru 1930, filwaqt li tirrikjama ruhha ghall-insenjament tal-Baudry-Lacantinaire ("Della Vendita", pagna 329, para 317), tissokta tfissrilna kif dan it-trattist "enumerando gli accessori della cosa venduta, e prendendo per ipotesi la vendita di una casa, dice che tale vendita comprende anche i cortili, giardini, e recinti, e gli edifizii secondari che hanno la loro entratura dalla casa venduta, quando anche l'atto di vendita non ne faccia menzione in moda speciale"*.

d. Fil-fehma tal-esponenti il-feles in kwistjoni ma jistax jitqies bhala pertinenza ghaliex m'ghandu l-ebda karatteristika li tiddeterminah bhala accessorju ghall-binja formanti l-mertu tal-prelegat. L-adjacenza, *di per se*, mhix bizzejjed. Il-feles art in kwistjoni mhux maghluq u huwa liberament accessibbli minn kull min jghaddi mit-triq.

[2] PA 2612/1999/PS dec. 30/1/2008.

M'hemm xejn x'juri li l-feles in kwistjoni jifforma parti mill-binja mertu tal-prelegat.

e. Irrid jigi enfasizzat illi l-attrici Rita Sapiano mhix qed tallega li hija l-proprjetarja tal-feles triangolari kollu li jidher fir-ritratti inkluzi fir-relazzjoni. Giet prezentata in atti kawzjoni maghmula mill-attrici Rita Sapiano sabiex tikkontesta registrazzjoni ta' titolu fir-Registru tal-Artijiet maghmula mill-Ufficju Kongunt. Mill-imsemmija kawzjoni jirrizulta li mill-kejl totali ta' cirka 27 m.k., Rita Sapiano illimitat il-pretensjoni taghha ghall-parti ta' cirka 9.2 m.k. li hija markata bl-isfar fuq il-pjanta annessa mal-kawzjoni stess. Fl-affidavit datat 24 ta' April 2012, li Rita Sapiano ipprezentat flimkien mal-kawzjoni taghha hija irrikonoxxiet illi l-partijiet markati bl-ahdar u bil-blu fuq l-istess pjanta kienu proprjeta' tal-gvern u kien biss feles (ukoll ta' forma triangolari) ferm izghar, markat bil-kulur isfar, li kien jappartjeni lilha.

f. Dan ikompli jdghajjef il-posizzjoni ta' Rita Sapiano ulterjorment ghaliex m'hemm xejn x'jiddistingwi l-porzjoni markata bl-isfar minn dawk markati bl-ahdar u bil-blu. Daqskemm il-porzjonijiet markati bl-ahdar u bil-blu m'humiex parti mill-binja ghaliex jappartjenu lill-Ufficju Kongunt oltre li ma fihom l-ebda karatteristika li tindika li jifformaw parti mill-binja, daqstant iehor il-parti markata bl-isfar ma fiha assolutament xejn li turi mod iehor.

g. Wara li l-Ufficju Kongunt irregistra t-titolu fuq il-feles in kwistjoni Rita Sapiano ghamlet talba sabiex tixtri l-istess

art. Dan kjarament juri li hija qed tirrikonoxxi d-dritt ta' proprjeta' tal-Ufficju Kongunt.[3]

h. F'ittra datata 26 ta' Gunju 2009 mibghuta mill-konsulent legali ta' Rita Sapiano lil Vincent Gilson, Direttur tal-Ufficju Kongunt,[4] jinghad li "*…l-klienta tieghi hija s-sid tal-fondi numru 9 u 10 Triq Caghki, Rabat u l-imsemmi fondi illi huma biswit din il-porzjoni ta' art il-fond tal-klijenta tieghi igawdu servitujiet ta' twieqi u drittijiet rejali ohra u ghalhekk l-imsemmija art mhix libera u franka*." Dan huwa rikonoxximent ulterjuri tat-titolu tal-Ufficju Kongunt ghaliex *neminem res sua servit*.

i. Fl-istess waqt, ma jidhirx li l-parti ta' quddiem tal-feles art hija tal-Ufficju Kongunt. Jirrizulta mill-atti li talba da parti tal-konvenut lill-ufficcju Kongunt sabiex jixtri l-parti ta' quddiem tal-feles art[5] in kwistjoni giet michuda ghaliex dan ma kienx proprjeta' tal-Gvern. Talba simili da parti ta' Rita Sapiano giet michuda ghall-istess ragunijiet.[6]

j. Il-fatt li l-feles art in kwistjoni mhux tal-Ufficju Kongunt ma jfissirx awtomatikament li allura kien jifforma parti mill-patrimonju tal-genituri tal-partijiet. Hemm indikazzjoni li l-feles art in kwistjoni jista' jappartjeni lill-Knisja ghalkemm m'hemm xejn konklussiva f'dan is-sens.

k. Il-punt krucjali huwa li m'hemm xejn x'jindika li dak li xtrat Domenica Camilleri bil-kuntratt datat 20 ta' Novembru 1976, fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela, kien

---

[3] *Vide* ittra a fol. 31 tal-process.
[4] Fol. 31 tal-process.
[5] *Vide* ittra u dokumenti a fol. 66 *et seq*. tal-process.
[6] *Vide* ittra a fol. 18 tal-process.

jinkludi l-feles art in kwistjoni. Dak hu l-uniku fattur li ghandu jitqies u l-identifikazzjoni ta' min hu sid tal-istess, ossia jekk hux tal-knisja, jew xi terz iehor, m'hi ta' l-ebda rilevanza.

11. Fil-fehma tal-esponenti dan huwa l-punt krucjali ghas-soluzzjoni tal-vertenza ghaliex il-legat seta' biss jikkomprendi dak li Domenica Camilleri kienet xtrat, xejn iktar, xejn inqas, u ma jirrizultax illi Domenica Camilleri xtrat l-imsemmi feles.

12. Kellu ghalhekk ragun il-konvenut li jirrezisti talba ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat li kienet tinkludi l-imsemmija feles.'

Illi gjaladarba l-konkluzjoni tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar giet riprodotta aktar il-fuq fir-rapport tal-Perit Legali Massimo Vella a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti mhux ser tirriproduci l-istess.

Illi l-Qorti rat bir-reqqa r-rapport tal-Perit Legali Dottor Massimo Vella u ssostni li m'ghandiex xi zzid wisq ma' dak riportat fl-istess u tiddikjara li taqbel l-istess.

Fil-fehma tal-Qorti rrispettivament minn jekk hux minnu jew le li l-fondi mertu tal-kawza odjerna gewx imwaqqa bejn is-sena 1900 u s-sena 1968, il-kwistjoni primarja tibqa x'akkwistat il-mejta Domenica Camilleri minghand huha Costantino Galea bil-kuntratt tal-20 ta' Novembru, 1976 fl-atti tan-Nutar Sammy (Salvatore) Abela (ara kuntratt a fol. 729 et seq tal-process). Dan qieghed jinghad ghaliex ghalkemm jista' jaghti l-kaz li huwa minnu li parti mill-art triangolari kienet tifforma parti mill-fond in kwistjoni lura fis-snin (hekk kif ikkonfermat mill-Perit Tekniku Mario Cassar),

dan ma jfissirx li dik il-parti nxtrat mal-kumplament minn Domenica Camilleri.

Minn analizi ta' dan il-kuntratt jirrizulta li ssir deskrizzjoni cara ta' x'gie mibjugh minn Costantino Galea lil ohtu Domenica Camilleri.

In fatti jaqra li Galea biegh u trasferixxa lil Camilleri:

*'…parti divisa mill-post ir-Rabat, Malta, Cjaki Lane, numru ghaxra u hdax ga numri disa u ghaxra, konsistenti f'Remissa li ghandha zewg numri fuq imsemmija u tlett kmamar wara l-istess remissa, li tidhol ghalihom minn wahda ghall-ohra u li qedin wara xulxin u bl-arja tal-istess kumditajiet u bid-drittijiet u gustijiet relattivi kollha, bhala suggetta l-istess parti divisa ghan-nofs ic-cens perpetwu ta lira u sebghin centesimi fis-sena (Lm1.70c), u ghal kundizzjonijiet relattivi…'.*

Fid-deskrizzjoni kwotata l-ebda accenn ma saret ghal porzjon art triangolari li tmiss mar-remissa u t-tlett (3) ikmamar retrostanti r-remissa, ghalkemm huwa wzat il-kliem *bid-drittijiet u gustijiet relattivi kollha*.

Il-Qorti tqis taqbel mal-kwotazzjonijiet tal-Perit Legali Dottor Massimo Vella mid-decizjoni fl-ismijiet **Dottor Adrian Delia noe -vs- Salvatore Xuereb et** deciza mill-Prim'Awla nhar it-30 ta' Jannar, 2008 fejn din ikkwotat mid-decizjoni tal-10 ta' Ottubru, 1939 fl-ismijiet **Francesco Schembri -vs- Emmanuele Cassar** fejn inghad illi:

> 'Dan premess, jirrizulta li bejn iz-zewg kuntratti hemm din id-differenza u, cjoe, li f' dan il-kaz l-appartament mibjugh lill-konjugi Treble qed jigi dikjarat li jikkomprendi d-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu. Korrettement intiz, l-akkwist b'

dan il-mod hu dak li jevita li jigu espressament dettaljati s-singoli drittijiet (ad ezempju, dritt ta' servitu) jew kull element pertinenzjali destinat b'mod durevoli ghas-servizz esklussiv tal-fond principali mixtri (ad ezempju l-btiehi u l-gonna tieghu). Hekk is-sentenza fl-ismijiet "**Francesco Schembri -vs- Emmanuele Cassar**", Prim' Awla tal-Qorti Civili, 10 ta' Ottubru 1930, filwaqt li tirrikjama ruhha ghall-insenjament tal-**Baudry-Lacantinaire** ("**Della Vendita**", pagna 329, para 317), tissokta tfissrilna kif dan it-trattist "*enumerando gli accessori della cosa venduta, e prendendo per ipotesi la vendita di una casa, dice che tale vendita comprende anche i cortili, giardini, e recinti, e gli edifizii secondari che hanno la loro entrata dalla casa venduta, quando anche l'atto di vendita non ne faccia menzione in modo speciale*". Ara wkoll f'dan l-istess sens is-sentenza riportata a **Vol. XVI P II p 183** u dik fl-ismijiet "**Joseph Bezzina -vs- George Xuereb et**", Appell Civili, 5 ta' Frar 1971. F' dan wara kollox ma hemm xejn gdid li ma jghidux ukoll b' mod mill-aktar car l-Artikolu 1398 tal-Kodici Civili, jigifieri li "fl-obbligu tal-kunsinna tal-haga jidhol ukoll l-obbligu tal- kunsinna tal-accessorji u ta' dak kollu li ghandu jservi ghall-uzu ta' dejjem tal-haga nfisha";'

Illi l-kliem uzat fil-kuntratt tal-20 ta' Novembru, 1976 '*…bid-drittijiet u gustijiet relattivi kollha…*' jaghmel referenza zgur ghad-dritt ta' servitu ta' twieqi ezistenti fi tlett (3) ikmamar li messew bi prelegat lir-rikorrenti Rita Sapiano. Huwa car li l-ezistenza taghha kienet ferm qabel il-kuntratt ta' akkwist ta' Domenica Camilleri fejn in fatti gja fil-kuntratt tad-29 ta' Ottubru, 1934 (fol. 695) fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt a fol. 672 tal-process it-twieqi kienu gja ezistenti billi gew immarkati fuq il-pjanta.

Illi mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tal-bicca art triangolari billi ma jistax jinghad li din taqa' taht pertinenzi konsistenti f''…*cortili, giardini, e recinti, e gli edifizii secondari che hanno la loro entrata dalla casa venduta'* billi mill-fond in kwistjoni m'hemmx access ghall-bicca art triangolari u m'hemm xejn x'jindika li din l-art tifforma parti mill-fond in kwistjoni. A kuntrarju, kif jidher car mir-ritratti esebiti fl-atti u dak riportat aktar il-quddiem, l-art in kontestazzjoni hija accessibbli minn kulhadd billi ghalkemm hija l-fuq mill-livell tat-triq (billi hija gholja) xorta m'hijiex recintata u m'hijiex b'xi mod konnessa mal-proprjeta' tar-rikorrenti Rita Sapiano. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-kliem uzat fil-kuntratt tal-20 ta' Novembru, 1976 '…*bid-drittijiet u gustijiet relattivi kollha…'* ma jinkludix dik il-feles art triangolari in kontestazzjoni fil-kaz odjern. Din il-Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni ta' min hi l-parti triangolari billi mhux rikjest jew neccessajru ai fini tal-kawza odjerna.

Dan premess, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha r-rikorrenti Rita Sapiano fil-punt bin-numru hamsa (5) targumenta li r-rapport tal-Perit Legali u dak tal-Perit Tekniku marru oltre l-inkarigu lilhom moghti. F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Michelangelo Cutajar et -vs- Nicholas Cutajar et** datata 28 ta' Frar, 2020 fejn inghad illi '…*meta l-ewwel Qorti kienet qeghda tiddeciedi dwar il-pregudizzjali sollevata mill-atturi u cioe' in-nullita' tat-trasferiment ta' sehem indiviz tal-bejt in kwistjoni lill-imsejjah fil-kawza, l-ewwel Qorti ma kenitx qeghda tiddeciedi extra petita, izda kienet qeghda tiddeciedi kwistjoni accessorja li kien mehtieg li tigi determinata qabel ma tidhol fil-mertu tal-pretensjonijiet attrici.'* Fil-kaz odjern huwa minnu li hawnhekk m'ahniex nitkellmu dwar decizjoni ta' Qorti, madanakollu l-istess argument huwa applikabbli wkoll fil-kaz tal-Perit Legali u tal-Perit Tekniku stante li dawn kienu qeghdin jitrattaw kwistjoni

accessorja li kienet mehtiega sabiex tigi determinata l-ewwel talba tal-kawza odjerna. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-argument tar-rikorrenti Sapiano.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi r-rikorrenti Rita Sapiano fiz-zewg noti ta' sottomissjonijiet taghha taghmel referenza ghal fatt li l-intimat Mario Camilleri m'ghandux interess guridiku jressaq l-argument li l-feles art ma tiffurmax parti mill-prelegat taghha. Izzid tghid ukoll li l-intimat Mario Camilleri m'ghamilx kontro-talba sabiex jitlob dikjarazzjoni dwar il-proprjeta o meno tal-feles illi hemm kontestazzjoni dwaru.

Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija sabiex il-Qorti tordna li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija biz-zewg testmenti *unica charta* mill-genituri tal-partijiet. Dan ifisser li l-intimat Mario Camilleri qieghed jintalab li jersaq u jiffirma fuq kuntratt ta' immissjoni fil-pussess ta' feles art ta' forma triangolari li kif irrizulta ma tiffurmax parti mill-proprjeta' li ghandha tigi immessa fil-pussess. Il-Qorti tqis li certament dan jekwivali ghal interess guridiku fl-intimat Camilleri.

Illi dwar l-argument tal-kontro-talba jirrizulta li l-intimat mhux qed jitlob dikjarazzjoni dwar min hu l-proprjetarju o meno tal-feles art li hemm kontestazzjoni fuqu bhal ma qed targumenta r-rikorrenti Sapiano. L-intimat Camilleri eccepixxa li huwa ma jridx jersaq ghal kuntratt fejn mhux dak kollu li ser jigi nkluz fil-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tal-prelegat ta' Rita Sapiano jifforma parti mill-prelegat. Isegwi li eccezzjoni bhal din m'hemmx bzonn li tigi segwita b'kontro-talba.

**Decizjoni:**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif isegwi:

1. Tilqa' t-tieni (2) eċċezzjoni tal-intimat Mario Camilleri stante li jirriżulta li huwa minnu li l-prelegat imħolli lir-rikorrenti Rita Sapiano fid-disa' (9) artikolu tat-testment datat 16 ta' Novembru, 1992 atti Nutar Joseph Felix Abela għandu jikkumprendi biss it-tlett (3) ikmamar esklużi l-feles art triangolari adjaċenti għall-istess kmamar li fuqha hemm servitu' ta' twieqi u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Camilleri sa fejn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' limitatament l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti u tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mħollija favur Pauline Magro, Josephine Mallia, Francesco Saverio Camilleri u Mario Camilleri hekk kif stipulati fiż-żewġ (2) testmenti *unica charta* tas-16 ta' Novembru, 1992 atti Nutar Joseph Felix Abela u tal-14 ta' Diċembru, 1998 atti Nutar Marco Burlo' u żżid ukoll il-prelegat ta' senter favur Maria Rosa Micallef, filwaqt tat-talba għall-immissjoni fil-pussess tal-prelegat mħolli favur Rita Sapiano tilqa' t-talba sa fejn jitratta l-fond bin-numru disa (9) fi Triq Chaki, Rabat eskluż iżda mill-istess prelegat il-feles art triangolari adjaċenti għal fond imħolli lilha bil-prelegat u li fuqha għandha biss dritt ta' servitu' ta' twieqi;

3. Tilqa' t-tieni (2) talba u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn George u Domenica konjuġi Camilleri bħala dawk hekk kif indikati fis-sezzjoni '**Assi in divizjoni:**';

4. Tilqa' t-tielet (3) talba u taqsam l-assi ereditarji ta' l-imsemmija George u Domenica konjugi Camilleri billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk kif indikati fis-sezzjoni '**<u>Assi in divizjoni:</u>**';

5. Tilqa' r-raba' (4) talba u tillikwida l-assi ereditarji ta' George Camilleri billi tiddikjara li jikkonsistu f'sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti hekk kif indikat fis-sezzjoni '**<u>Assi in divizjoni:</u>**';

6. Tilqa' l-hames (5) talba u tillikwida l-assi ereditarji ta' Domenica Camilleri billi tiddikjara li jikkonsistu f'sehmha mill-komunjoni tal-akkwisti hekk kif indikat fis-sezzjoni '**<u>Assi in divizjoni:</u>**';

7. Tilqa' s-sitt (6) talba u taqsam dawk l-assi kollha fis-sezzjoni '**<u>Assi in divizjoni:</u>**' eskluz dawk indikati fis-sezzjoni '**Immobbli:**' billi dawn thallew kollha bi prelegati u dan billi filwaqt li tordna li l-flus kollha ghandhom jigu divizi fi kwota ta' sesta parti (1/6) kull wiehed u wahda mill-partijiet fil-kawza odjerna, l-ghamara u oggetti ghandhom jittellghu bix-xorti u kull parti fil-kawza tigi assenjata 'batch' wahda minn kull 'lot' biex kull parti fl-ahhar tkun hadet tlett (3) 'batches' minn tlett (3) 'lots';

8. Tilqa' limitatament is-seba' (7) talba u dan billi tinnomina lin-Nutar Marco Burlo' sabiex jippubblika l-att ta' immissjoni fil-pussess fi zmien massimu ta' erba' xhur mil-lum, u tinnomina lil Dr Alex Scerri Herrera bhala kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha ghandhom jigu divizi fi kwota ta' sesta (1/6) kull parti kif raKkomandat mill-Perit Legali.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Jannar, 2023**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Jannar, 2023**